

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: DOMUS-Software-AG

Konvenut: Marc Braschoß Immobilien GmbH

Dispożittiv

L-Artikoli 6(1) tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali, moqri flimkien mal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

meta l-istess kuntratt uniku jipprevedi provvisti ta' merkanzija jew provvisti ta' servizzi ta' natura perijodika, bil-ħlas għal kull provvista fi żmien determinat, is-somma stabbilita minima ta' EUR 40 bħala kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru tkun dovuta lill-kreditur għal kull ħlas tard.

(⁽¹⁾) ĠU C 349, 30.8.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-8 ta' Diċembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminary tal-Bundesfinanzgericht – L-Awstrija) – P GmbH vs Finanzamt Österreich

(Kawża C-378/21) (⁽¹⁾)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminary – Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 203 – Aġġustament tad-dikjarazzjoni tal-VAT – Benefiċjarji ta' servizzi li ma jistgħux jinwokaw dritt għal tnaqqis – Assenza ta' riskju ta' telf ta' dħul fiskali)

(2023/C 35/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: P GmbH

Konvenut: Finanzamt Österreich

Dispożittiv

L-Artikolu 203 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1065 tas-27 ta' Ġunju 2016,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

persuna taxxabbi, li pprovdiet servizz u li indikat fuq il-fattura tagħha ammont ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ikkalkolata abbażi ta' rata żbaljata, ma hijiex responsabbi, skont din id-dispożizzjoni, għall-parti tal-VAT iffatturata b'mod żbaljat jekk ma jeżisti ebda riskju ta' telf ta' dħul fiskali minħabba li l-benefiċjarji ta' dan is-servizz huma esklużivament konsumaturi finali li ma għandhomx dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input.

(⁽¹⁾) ĠU C 349, 30.8.2021.